Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Marzu 2023**
**(OR. en)**

**7375/23**

**ECOFIN 240**
**UEM 64**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE – Konklużjonijiet tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE" kif approvati fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN li saret fl-14 ta' Marzu 2023.

## ORJENTAZZJONIJIET GĦAL RIFORMA TAL-QAFAS TAL-GOVERNANZA EKONOMIKA TAL-UE

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. IFAKKAR li l-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ekonomiċi u fiskali tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkoordinawhom fil-Kunsill, f'konformità mat-Trattat. JISSOTTOLINJA li l-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE huwa kruċjali għal koordinazzjoni u sorveljanza effettivi tal-politika ekonomika madwar l-UE, filwaqt li jiżgura għall-Istati Membri kollha, is-solidità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu medju u twil, jippromwovi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-konverġenza, u jindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi, appoġġati minn riformi u investimenti li jsaħħu t-tkabbir u r-reżiljenza.

2. JIRRIKONOXXI li l-ekonomija tal-UE kompliet l-irkupru b'saħħtu tagħha wara l-pandemija, mhux l-inqas bis-saħħa tal-azzjoni politika rapida fil-livell nazzjonali u tal-UE. Madankollu, qed tiffaċċa diversi sfidi ekonomiċi u soċjali fuq terminu qasir u twil li jirriżultaw minn żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi, inflazzjoni għolja u żieda fir-rati tal-imgħax, it-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, it-tibdil demografiku, il-ħtieġa li jiġu appoġġati l-kompetittività u l-awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa, l-importanza li jiġu żgurati enerġija u sigurtà tal-provvista affordabbli u t-tisħiħ meħtieġ tal-kapaċitajiet ta' difiża. Ħafna minn dawn l-isfidi jeħtieġu riformi ambizzjużi u investimenti sostanzjali. Barra minn hekk, il-kriżi pandemika kif ukoll il-konsegwenzi tal-gwerra Russa kontra l-Ukrajna kkontribwew għal aktar żidiet fil-livelli ta' dejn diġà għoljin, li jeħtieġ li jitnaqqsu b'mod gradwali u realistiku.

3. JILQA' l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2022 dwar għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE. JIRRIKONOXXI l-appell mill-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex javvanzaw malajr il-ħidma dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika, b'kont meħud tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2023. JIRRIKONOXXI li rieżami tal-qafas eżistenti tista' żżid l-effettività tiegħu.

4. JENFASIZZA li s-sjieda nazzjonali hija element essenzjali ta' qafas effettiv ta' governanza ekonomika. JIRRIKONOXXI l-benefiċċji tal-mixja lejn ippjanar fiskali pluriennali, filwaqt li jinżamm iċ-ċiklu ta' sorveljanza annwali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jittieħed kont tal-pożizzjonijiet inizjali u l-prospetti fiskali tal-Istati Membri, kif ukoll il-karatteristiċi ekonomiċi f'perkorsi fiskali differenzjati. JENFASIZZA li s-simplifikazzjoni tal-qafas kif ukoll il-preservazzjoni tal-karattru multilaterali tiegħu huma importanti. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' trattament ugwali, trasparenza u prevedibbiltà.

5. JENFASIZZA l-oqsma li ġejjin ta' konverġenza ta' fehmiet fost l-Istati Membri dwar qafas ta' governanza ekonomika riformat:

   a) Il-valuri ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % għall-proporzjon tad-defiċit ippjanat jew attwali tal-gvern mal-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq u ta' 60 % għall-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq jibqgħu l-istess. Il-qafas ta' governanza ekonomika għandu jiżgura li dawn il-valuri referenzjarji jiġu osservati b'mod aktar effettiv, effiċjenti u sostenibbli.

   b) L-Istati Membri kollha għandhom jippreżentaw pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, ladarba jkun daħal fis-seħħ qafas ta' governanza ekonomika riformat. Il-pjanijiet nazzjonali għandhom ikopru l-politika fiskali, ir-riformi u l-investimenti. Il-pjanijiet għandhom jistabbilixxu perkors fiskali nazzjonali definit f'termini ta' nfiq primarju nett bħala indikatur operazzjonali uniku.

c) L-Istati Membri għandhom iħejju l-perkors fiskali bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali tagħhom koerenti mat-trajettorja fiskali teknika mill-Kummissjoni. Dan ser jinkwadra d-djalogu mal-Istat Membru rispettiv, fejn id-differenzi bejn il-pjan u t-trajettorja jenħtieġ li jkunu debitament ġustifikati. It-trajettorja tal-Kummissjoni għandha tkun ibbażata fuq metodoloġija komuni li għandha tiġi miftiehma li tkun replikabbli, prevedibbli u trasparenti, u għandha tinkludi analiżi tad-dejn pubbliku u tal-isfidi ekonomiċi. Ser tiġi infurmata wkoll permezz ta' diskussjonijiet tekniċi regolari dwar projezzjonijiet u previżjonijiet u għandha tiġi diskussa f'kuntest multilaterali fil-Kumitati rilevanti. It-trajettorja teknika tal-Kummissjoni għandha tiżgura sforz fiskali biex id-dejn jitqiegħed fuq perkors ta' tnaqqis suffiċjenti jew biex jinżamm f'livelli prudenti, filwaqt li tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u jiġu promossi r-riformi u l-investiment pubbliku. Għal dak il-għan, għandhom jiġu esplorati dispożizzjonijiet komuni ta' salvagwardja biex jiġi żgurat tnaqqis suffiċjenti tad-dejn u tiġi evitata l-posponiment tal-isforzi fiskali.

d) Il-pjanijiet u l-aġġornamenti possibbli għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni b'mod kompletament trasparenti, abbażi ta' prinċipji ta' valutazzjoni komuni li għandhom jiġu miftiehma, u jkunu soġġetti għal skrutinju multilaterali u approvazzjoni mill-Kunsill. Il-qafas għandu jqis kif xieraq il-ħtieġa li l-proċess demokratiku fl-Istati Membri jkun jista' jsawwar il-politiki ekonomiċi tagħhom. Għalhekk, il-pjanijiet kollha jistgħu jiġu allinjati, fuq talba, maċ-ċiklu elettorali nazzjonali, riveduti mal-adeżjoni ta' gvernijiet ġodda, u aġġornati f'ċirkostanzi oġġettivi, filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni tal-aġġustament fiskali.

e) Il-perjodu ta' aġġustament fiskali jista' jiġi estiż, jekk Stat Membru jimpenja ruħu għal sett eliġibbli ta' riformi u investimenti li jtejjeb il-prospetti tat-tkabbir jew ir-reżiljenza, isaħħaħ il-finanzi pubbliċi u b'hekk is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, u jindirizza l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, inkluż l-isfidi tal-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża. L-aġġustament għandu jkun sekwenzjat b'mod xieraq biex ma jkunx hemm posponiment.

f) Għall-Istati Membri kollha, il-pjanijiet nazzjonali għandhom jiżguraw konformità mal-kriterju tad-deficit, jew progress suffiċjenti u kredibbli lejn il-konformità, jekk applikabbli, skont kwalunkwe rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal dak il-għan, tul il-pjan kollu. Il-proċedura ta' deficit eċċessiv abbażi ta' ksur tal-kriterju tad-deficit ta' 3 % għandha tibqa' l-istess, inkluż il-valutazzjoni tal-fatturi rilevanti.

g) Għall-Istati Membri bi proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG ta' aktar minn 60 %, il-pjanijiet nazzjonali fuq terminu medju għandhom jiżguraw li l-proporzjon ikun qed jonqos b'mod suffiċjenti. Għall-Istati Membri bi proporzjon ta' dejn pubbliku għall-PDG ta' inqas minn 60 % iżda bi sfidi ta' dejn pubbliku, il-pjan nazzjonali fuq terminu medju jeħtieġ li jiżgura li l-proporzjon jibqa' f'livelli prudenti. L-eżami tal-eżistenza ta' deficit eċċessiv fuq il-bażi ta' ksur tal-kriterju tad-dejn għandu jinbeda f'każijiet fejn Stat Membru jikser il-valur ta' referenza ta' 60 % u tiġi osservata devjazzjoni mill-perkors fiskali miftiehem. Fi proċedura ta' deficit eċċessiv f'każ ta' ksur tal-kriterju tad-dejn, għandhom jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha. L-użu tagħhom għandu jiġi ċċarat fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni, bi qbil mal-Kunsill, għandha tistabbilixxi l-mezzi biex jitqiesu d-devjazzjonijiet kumulattivi, kemm 'l fuq kif ukoll 'l isfel, mill-perkors ta' aġġustament fiskali miftiehem. Għall-Istati Membri bi sfidi baxxi ta' dejn pubbliku, il-perkors fiskali fil-pjanijiet nazzjonali għandu jiżgura li d-deficit jinżamm b'mod kredibbli taħt it-3 % fuq bażi kontinwa jew li jonqos biżżejjed għal dak il-limitu, u l-proporzjon tad-dejn jinżamm f'livell prudenti, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fuq terminu medju u twil tal-finanzi pubbliċi u li tiġi evitata akkumulazzjoni mhux ġustifikata tad-dejn.

h) L-infurzar għandu jsir aktar effettiv, inkluż permezz ta' aktar trasparenza. L-ammont monetarju inizjali ta' sanzjonijiet finanzjarji għandu jitnaqqas biex jippermetti applikazzjoni aktar realistika.

i) Il-klawżola liberatorja ġenerali għal xokkijiet kbar għaż-żona tal-euro jew għall-UE kollha kemm hi għandha tiġi speċifikata sabiex tadatta għal ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu biex il-perkors ta' aġġustament fiskali ma jkunx jista' jiġi rrispettat b'mod realistiku, u tippermetti devjazzjonijiet temporanji mill-pjan fuq terminu medju. Klawżola liberatorja speċifika għall-pajjiż għandha tippermetti devjazzjonijiet temporanji mill-perkors ta' aġġustament fiskali fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b'impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi ta' Stat Membru individwali. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri xierqa għall-attivazzjoni u l-estensjoni tal-klawżoli liberatorji. Il-Kunsill għandu jkollu rwol fl-applikazzjoni tal-klawżoli liberatorji abbażi ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni.

j) Ir-rwol attwali tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti (IFIs) nazzjonali fil-produzzjoni jew l-approvazzjoni tal-projezzjonijiet makroekonomiċi għandu jinżamm u jiġi adattat għall-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju filwaqt li jistgħu jiġu esplorati standards minimi. L-IFIs ma għandhomx ikollhom rwol fil-fażi tat-tfassil tal-pjanijiet nazzjonali. Għandu jiġi esplorat rwol aktar b'saħħtu għall-Bord Fiskali Ewropew fil-qafas tal-governanza ekonomika.

k) L-Istati Membri li jużaw l-indikatur tal-bilanċ strutturali fl-oqfsa fiskali nazzjonali tagħhom għandhom ikunu jistgħu jittraduċu l-perkors tan-nefqa fil-bilanċ strutturali għal skopijiet baġitarji nazzjonali biss.

l) Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku tibqa' ċentrali għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi li jxekklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja jew l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Il-proċedura għandha tkun orjentata aktar lejn il-futur sabiex tidentifika riskji emerġenti fi stadju aktar bikri. Għandha ssir ukoll aktar dinamika, billi tibbaża l-valutazzjoni tal-iżbilanċi aktar fuq l-evoluzzjoni tar-riskji u l-implimentazzjoni tal-politika, u jkollha kriterji aktar ċari għaż-żieda u t-tnaqqis tal-istatus tal-Istati Membri skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Is-sjieda, il-prevedibbiltà, it-trasparenza, it-trattament ugwali, l-infurzar u d-dimensjoni taż-żona tal-euro tal-proċedura għandhom jissaħħu.

6. JISSOTTOLINJA li l-qafas ta' governanza ekonomika huwa pilastru ewlieni tal-arkitettura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), li jappoġġa l-istabbiltà tal-munita komuni u r-reżiljenza tal-ekonomija taż-żona tal-euro. JENFASIZZA l-importanza tal-eżerċizzju tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju fil-koordinazzjoni tal-politika fiskali u l-iżgurar li l-abbozzi ta' baġits tal-Istati Membri taż-żona tal-euro jkunu konformi mar-regoli fiskali tal-UE. JAQBEL li dan l-eżerċizzju għandu jkompli taħt il-qafas riformat bil-ħsieb ta' koordinazzjoni b'saħħitha tal-politika fiskali fiż-żona tal-euro, appoġġata mir-rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro dwar il-politika fiskali u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni baġitarja ġenerali fiż-żona tal-euro. JIRRIKONOXXI li l-analiżi fil-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha tiġi żviluppata biex tissaħħaħ id-dimensjoni taż-żona tal-euro tal-proċedura. JAQBEL li l-qafas għas-sorveljanza ta' wara l-programm jista' jiġi ssimplifikat u l-intensità tas-sorveljanza tista' tiġi modulata maż-żmien u fost l-Istati Membri skont l-iżviluppi ekonomiċi, fiskali jew finanzjarji. IQIS li l-qafas ta' governanza ekonomika u passi ulterjuri fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) għandhom iqisu t-tagħlimiet meħuda mir-risponsi tal-politika ekonomika tal-Unjoni għal kriżijiet preċedenti.

7. JITLOB li titkompla malajr il-ħidma fuq ir-rieżami tal-governanza ekonomika, kemm qabel kif ukoll wara kwalunkwe proposta leġiżlattiva. JAQBEL li huma meħtieġa aktar kjarifiki u diskussjonijiet, inkluż fir-rigward tad-definizzjoni tat-trajettorja tal-Kummissjoni, ir-rekwiżiti għall-Istati Membri meqjusa li għandhom sfidi ta' dejn baxxi possibbilment inkluż trajettorja fiskali, id-definizzjoni tal-aggregat tan-nefqa, l-adegwatezza u t-tfassil ta' parametri referenzjarji kwantitattivi komuni biex jappoġġaw il-qafas riformat, il-prinċipji għal estensjoni tal-perkors fiskali, ir-rwol tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, l-infurzar tal-pjanijiet nazzjonali u l-inċentivi għar-riformi u l-investiment.

8. IFAKKAR li, f'konformità mal-Artikolu 2 tiegħu, it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) għandu jiġi interpretat f'konformità mad-dritt tal-UE u japplika sa fejn ikun kompatibbli miegħu. JIRRIKONOXXI li l-konsistenza tat-TSKG mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut għandha tiġi żgurata. JITLOB li ssir riflessjoni biex tiġi żgurata din il-konsistenza.

9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, qabel tippubblika l-proposti leġiżlattivi tagħha, tqis il-fehmiet konverġenti tal-Istati Membri u tkompli tikkomunika mal-Istati Membri fl-oqsma identifikati għal diskussjonijiet addizzjonali. JIDDEĊIEDI li jipproċessa l-passi possibbli li jmiss fil-Kunsill bil-ħsieb li tiġi konkluża l-ħidma leġiżlattiva fl-2023.